## 29 ta' April, 1960
## Imħallef:—
## Onor Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Nicola Magro

*versus*

Geraldo Zammit pr. et ne.

**Minuri — Responsabbiltà tal-Missier — Danni — Serq — Art. 1077, 1076, 1091, u 1093(1) tal-Kap. 323.**

*Il-missier għandu kontra tiegħu l-preżunzjoni legali li hu responsabbli għad-danni kaġunati minn ibnu minuri, sakemm huwa ma jippruvax soddisfaċentement illi, bħala missier tajjeb tal-familja, huwa ħa ħsieb ibnu biex il-fatt dannus ma jiġix kommess.*

*Din ir-responsabbiltà tal-missier hi bażata fuq l-awtorità u l-poter li għandu l-missier li jissorvelja l-edukazzjoni u l-kondotta ta' wliedu minuri kontinwament u mingħajr heda. Il-prevenzjoni li trid il-liġi tikkonsisti prinċipalment fl-edukazzjoni u fid-dixxiplina li biha l-missier hu obligat irabbi lill-uliedu, kif ukoll fis-sorveljanza kontinwa fuqhom; b'mod speċjali, meta dawn jidhru li huma vizzjati jew ta' karattru ħażin.*

*Għaldaqstant, jekk it-tifel minuri jikkommetti serq, u l-missier ma jippruvax li hu għamel dmiru biex jipprevjeni dak is-serq, u ma jirnexxilux iwaqqa' l-preżunzjoni legali kontra tiegħu, ir-responsabbiltà għall-għemil ta' ibnu għandha tibqa', bil-konsegwenz' kollha li ġġib magħha, u hu obligat jirrestitwixxi lid-derubat ir-refurtiva.*

*Il-missier huwa hekk tenut in vija prinċipali, anki jekk ibnu jkun tenut in vija prinċipali huwa wkoll. Jekk mbgħad il-missier u l-iben jitqiesu li kkonkorrew it-tnejn għall-ħsara, sija pure b'mod u responsabbiltà diversa, imma ma tistgħax tiġi aċċertata l-parti tal-ħsara li tagħha kien kaġun il-missier, 'd-dannegġjat huwa ntitolat jeżiġi r-rifużjoni tal-ħsara kollha minn għand il-wieħed u l-ieħor fost il-missier u l-iben.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li l-konvenut Emmanuele Zammit seraq minn għand l-attur is-somma ta' £160; u peress li ta' dan hu anki responsabbli l-konvenut Geraldo Zammit skond il-liġi, bħala missier il-minuri; talab li l-konvenuti, prevja d-dikjarazzjoni li huma responsabbli t-tnejn in vija prinċipali għad-danni sofferti mill-attur, jiġu minn din il-Qorti kundannati jħallsu lill-attur id-danni li hu sofra fis-somma msemmija ta' £160; bl-interessi; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine, li biha ssottometta illi huwa mhux responsabbli għal ebda att magħmul minn ibnu fil-każ in kwistjoni, billi huwa dejjem ħa ħsieb tajjeb tiegħu ta' "bonus pater familias" skond il-liġi; u illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju, l-ammont li ttieħed ma kienx dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni, imma ferm anqas, ammontanti għal lira waħda (£1), li ġiet kunsinnata lill-Pulizija;

*Omissis;*

Rat id-digriet tat-28 ta' Novembru 1957 li bih, stante l-mewt tal-perit legali, ġie għalieh sostitwit l-Avukat Dr. Paolo Borg Grech;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta (1) illi fil-31 ta' Awissu 1956 l-attur ġie misruq £160 mid-dar tiegħu l-Qrendi; (2) illi awtur ta' dan is-serq huwa l-konvenut Emmanuele Zammit, li huwa responsabbli għad-danni direttament jiġifieri għas-somma kollha ta' £160; (3) illi l-konvenut Geraldo Zammit huwa tenut għall-istess danni bis-saħħa tar-responsabbiltà ndiretta tiegħu għas-serq kommess minn ibnu l-konvenut l-ieħor; (4) u illi r-responsabbiltà tal-konvenuti vis-a-vis l-attur hija solidali;

*Omissis;*

Illi, kwantu għall-konvenut Emmanuele Zammit, il-Qorti, wara li eżaminat u wiżnet iċ-ċirkustanzi tal-każ, hija tal-fehma illi huwa seraq lill-attur mhux £1 biss, iżda £160 li sab nieqsa; u barra milli tagħmel tagħha r-raġunamenti tal-perit legali, tissottometti żewġ ċirkustanzi, jiġifieri ......... ;

Illi, kwantu għall-konvenut Geraldo Zammit, anki hawn il-Qorti taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-perit legali; u tkompli tosserva illi huwa għandu kontra tiegħu l-preżunzjoni stabbilita fl-art 1077 tal-Kodiċi Ċivili, sakemm ma jippruvax soddisfaċentement illi huwa, bħala missier tajjeb tal-familja, ħa ħsieb il-konvenut ibnu (allura taħt l-età) biex il-fatt ma jiġrix (fit-test ingliż "to prevent the act", u fil-lokuzzjoni taljana tal-art. 740 tal-Ordinanza VII tal-1868, li minnha ttieħed u ġie riprodott, "per prevenire il fatto");

Din ir-responsabbiltà tal-missier hija rikonoxxuta anki mill-leġislazzjoni estera, u tinsab bażata fuq l-awtorità u l-poter li għandu l-missier li jissorvelja l-edukazzjoni u l-kondotta ta' wliedu minuri kontinwament u mingħajr heda. "Il padre e la madre", jinnota Laurent fuq l-awtorità tal-oratur tat-Tribunal, "sono investiti di una autorità sufficiente per mantenere i loro subordinati nei limiti del dovere e del rispetto dovuto all'altrui proprietà. Se i figli la violano, questi trascorsi sono attribuiti con ragione al rilassamento della disciplina domestica, che è nelle mani del padre e della madre. Questo rilassamento è una colpa (Diritto Civile, XX, no. 553). U Baudry, fil-waqt li jsostni dan l-insenjament, jagħmel tiegħu l-kliem tar-relatur tat-Tribunal:— "Questa obbligazione, si dice, si collega al potere, alla autorità che la legge conferisce ai genitori sui loro figli di minor età, ai doveri che loro impone la perfezione della educazione degli stessi, alla necessità in cui si trovano di *sorvegliare la condotta con quello zelo*, quella cura e quell'interesse che ispirano al tempo stesso il desiderio della felicità della prole, ed il tenero affetto che nutrono verso la medesima" (Obbligazioni, IV, no. 2898).

U fil-każ illi n-natural tat-tifel ikun ivvizzjat jew ħażin, "vi è una ragione di più", ikompli josserva Baudry (par. 2904) per sorvegliarlo da vicino, e conseguentemente il dovere e la responsabilità del padre devono essere ancora più rigorosi". U jikkonkludi Laurent:— "Questo è severo, ma questo è legale" (op. ċit. no. 565). Tal-istess fehma huma Aubry et Rau (Responsabilité, paġ. 556, par. 447), u l-ġurisprudenza taljana (Fadda, art. 1153, nri. 361, 362, u 381);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jidherx illi l-konvenut Geraldo Zammit inviġila u ssorvelja biżżejjed il-kondotta ta' ibnu; il-prevenzjoni li trid il-liġi tikkonsisti prinċipalment fl-edukazzjoni u fid-dixxiplina li bħa l-missier hu obligat irabbi lill-uliedu, kif ukoll fis-sorveljanza kontinwa fuqhom, b'mod speċjali meta dawn jidhru li huma vizzjati jew ta' karattru ħażin. Issa il-konvenut kien jaf, jew kien imissu jaf, li ibnu Emmanuele ma kienx regolari fl-imġieba tiegħu; kien jaf li jilgħab fil-ħwienet; u kieku għamillu l-għassa kien jaqbad (jekk qatt ma kienx jaf) illi huwa kien imur jilgħab il-Maqluba, f'post imwarrab, fejn kien jitlef minn £3 sa £5 kull darba, u xi drabi anki £10; kien jaf li l-qliegħ ta' ibnu kien limitat u żgħir ħafna, u żgur mhux proporzjonat għall-mod kif kien jgħix. "Ad esonerare il padre dalla responsabilità dei malefatti del figlio non basta la prova che egli (a) abbia provveduto ad avviare e mantenere il figlio all'istruzione obbligatoria, (b) abbia provveduto ad impartirgli la comune istruzione religiosa, (c) abbia egli stesso vissuto sempre onestamente, se consta che ha tollerato in silenzio che il figlio facesse spese senza curare di indagare come e dove si procurasse i mezzi relativi" (Fadda, loc. ċit. no. 362);

Illi, ladarba l-konvenut Geraldo Zammit ma ppruvax li għamel dmiru biex jipprevjeni dan is-serq ta' ibnu, u ma rnexxielux iwaqqa' l-preżunzjoni legali kontra tiegħu, ir-responsabbiltà għall-egħmil ta' ibnu fis-serq in kwistjoni għandha tibqa' bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha;

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni talab li ż-żewġ konvenuti jiġu dikjarati responsabbli tal-ammont misruq in vija prinċi-

pali. Issa, ma hemmx dubju illi l-konvenut Emmanuele, li fiż-żmien li kkommetta s-serq kellu sittax il-sena u tmien xhur, għandu jirrifondi l-ammont misruq (arg. art. 1076 Kod. Ċiv.); il-konvenut Geraldo, mbgħad, huwa wkoll obligat għall-ħsara kollha li saret bis-serq (arg. art. 1077 u 1091 Kod. ċit.); jekk però ż-żewġ konvenuti jitqiesu li kkonkorrew t-tnejn fil-ħsara, sija pure b'mod u responsabbiltà diversa, billi ma tistgħax tiġi aċċertata l-parti tal-ħsara li tagħha kien kaġun il-konvenut Geraldo, l-attur jibqa' ntitolat jeżiġi r-rifużjoni tal-ħsara kollha minn għand kull wieħed mill-konvenuti (art. 1093(1) Kod. Ċiv.);

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma, fis-sens premess, tal-perizja ġudizzjarja;

Tilqa' t-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni, u tikkundanna lill-konvenuti "in solidum" iħallsu lill-attur is-somma ta' £160. bl-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni; u bl-ispejjeż.